MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 84/2005

**Angelo Meilak**

**-vs-**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi huwa twieled fin-Nadur, Ghawdex fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija erbgha u hamsin (1954) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registu Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv wiehed tas-sena elf disa' mija hamsa u hamsin (1/1955) Dok A;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur gie imnizzel bhala 'Angelus' u dan nonostante illi l-genituri tieghu riedu li isem binhom ikun 'Angelo';

Illi oltre dan, il-kunjom ta’ missier l-attur gie mnizzel bhala ‘Mejlak’ fil-waqt li huwa kien dejjem maghruf bil-kunjom miktub bhala ‘Meilak’;

Illi effettivament il-passaport ta’ l-attur huwa mahrug bl-isem ‘Angelo’ u bil-kunjom ‘Meilak’ (Dok B) u matul iz-zmien li huwa ghamel jghix fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika kull dokumentazzjoni li ghandu hija wkoll mahruga f’isem ‘Angelo Meilak’.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 1/55 billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ kif ukoll fil-kolonna “ismijiet moghtija” l-isem ‘Angelus’ jigi sostitwit bl-isem “Angelo”;

2. tordna korrezzjoni fl-istess att tat-twelid fil-kolonna “Isem u kunjom ta’ missier it-tarbija” sabiex il-kunjom “Mejlak” jigi sostitwit bil-kunjom “Meilak”.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat illi minkejja li d-Direttur tar-Registru Pubbliku gie notifikat, (skond riferta a fol 2 tergo), b’din ic-citazzjoni u bl-appuntament tas-smiegh ta’ din il-kawza huwa naqas li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u naqas ukoll illi jidher ghas-seduta li fiha giet appuntata din il-kawza.

Semghet lill-attur jiddikjara illi huwa dejjem kien maghruf bl-isem ta’ “Angelo Meilak”.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Billi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati.

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru wiehed tas-sena elf disa’ mija u hamsa u hamsin (1/1955) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-

kolonna “ismijiet moghtija” l-isem “Angelus” jigi sostitwit bl-isem “Angelo”.

Tordna wkoll il-korrezzjoni fl-istess att tat-twelid fil-kolonna “isem u kunjom ta’ missier it-tarbija” sabiex il-kunjom “Mejlak” jigi sostitwit bil-kunjom “Meilak”.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------